Il-Kummissjoni Ewropea

# Inżommu l-wegħda tagħna lill-Ewropa:

## *L-istorja tal-Kummissjoni von der Leyen*

### KRONOLOĠIJA

**Inżommu l-wegħda tagħna lill-Ewropa: L-istorja tal-Kummissjoni von der Leyen — Kronoloġija**

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat għall-Komunikazzjoni
1049 Brussell
IL-BELĠJU

PDF ISBN 978-92-68-13193-0 doi:10.2775/119218 NA-02-24-278-MT-N

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

## DIĊEMBRU 2019

### 1.12

**Il-Kummissjoni von der Leyen tidħol fil-kariga.**





### 11.12

Il-Kummissjoni tniedi l-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, li jistabbilixxi pjan direzzjonali dwar kif l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050.

## JANNAR 2020

### 14.1

Preżentazzjoni tal-**Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew** biex jiġi mobilizzat l-investiment pubbliku u privat meħtieġ għat-tranżizzjoni nadifa, u **l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta** biex jiġi żgurat li ħadd ma jaqa' lura minħabba t-tranżizzjoni.



## MARZU 2020

### 2.3

**Il-Kummissjoni tniedi t-tim ta' rispons għall-coronavirus** biex jikkoordina r-**rispons tal-UE għall-pandemija**, billi jlaqqa' flimkien il-linji ta' ħidma kollha — dawk mediċi, ekonomiċi, tal-mobbiltà u tat-trasport.



### 4.3

Permezz tal-**Liġi Ewropea dwar il-klima**, il-Kummissjoni tipproponi mira legalment vinkolanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050. Din daħlet fis-seħħ f'Lulju 2021.





### 5.3

Strateġija ġdida dwar **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-2020–2025** tistabbilixxi sensiela ta' miżuri ewlenin biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Ewropa.

## 6.3

**100 jum tal-Kummissjoni von der Leyen**, Unjoni li tirsisti għal aktar — biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050, filwaqt li ssawwar il-futur diġitali tal-Ewropa u tagħmel l-Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja.





## 9.3

**Strateġija ġdida tal-UE** twitti t-triq għal **sħubija aktar b'saħħitha mal-Afrika**.

## 10.3

**Strateġiji Industrijali** u **tal-SMEs ġodda** jistabbilixxu inizjattivi biex jiffaċilitaw it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tan-negozji Ewropej.





## 11.3

**Pjan ta' azzjoni ġdid għal ekonomija ċirkolari** għandu l-għan li joħloq Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva.

## 20.3

Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir** tiġi attivata biex issostni lill-Istati Membri u biex tiġi indirizzata l-emerġenza tal-COVID-19.






## 23.3

Jiġu implimentati **"Korsiji ħodor"** biex jiġi żgurat il-fluss kontinwu ta' oġġetti u servizzi essenzjali bejn fruntiera u oħra matul il-pandemija.

## APRIL 2020

### 2.4

Il-Kummissjoni tniedi **l-istrument il-ġdid għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency, SURE)**.





### 2.4

Il-Kummissjoni tipproponi **l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus** (Coronavirus Response Investment Initiative, CRII) biex tgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw ir-rispons tagħhom għall-kriżi tal-COVID-19, bl-użu ta' **EUR 8 biljun** minn fondi ridiretti disponibbli taħt **il-Politika ta' Koeżjoni**.

### 22.4

Il-Kummissjoni tipproponi **pakkett ta' assistenza makrofinanzjarja ta' EUR 3 biljun** biex tgħin lil 10 sħab involuti fir-tkabbir u l-viċinat jillimitaw il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19.



© Adobe Stock

## MEJJU 2020

### 20.5

L-adozzjoni tal-**Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030** biex jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità u **tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"** biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli fl-UE.





### 27.5

Il-Kummissjoni tipproponi **NextGenerationEU**, **pjan ta' rkupru** ta' aktar minn **EUR 800 biljun** biex jgħin lill-UE tirkupra mill-pandemija tal-COVID-19 u tikseb it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Sa Frar 2024, l-iżborżi taħt **il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tan-NextGenerationEU** kienu qorbu **l-EUR 225 biljun**.

## ĠUNJU 2020

### 17.6

Tiġi ppreżentata **l-istrateġija tal-UE għall-vaċċini** biex titħaffef l-iżvilupp, il-manifattura u l-użu tal-vaċċini kontra l-COVID-19.



## LULJU 2020

### 1.7

**L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa** għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza tistabbilixxi objettivi ambizzjużi għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-5 snin li ġejjin permezz ta' 12-il inizjattiva ewlenija.





### 24.7

L-adozzjoni tal-**istrateġija tal-UE dwar l-unjoni tas-sigurtà 2020–202**5, li tiffoka fuq oqsma bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, il-prevenzjoni ta' theddid ibridu u ż-żieda tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

## AWWISSU 2020

### 27.8

Il-Kummissjoni tiffirma l-ewwel kuntratt tagħha ma' kumpanija farmaċewtika, li jippermetti **x-xiri ta' vaċċin sikur kontra l-COVID-19** mill-**Istati Membri kollha**. B'kuntratti ulterjuri ffirmati fil-ġimgħat ta' wara u b'erba' vaċċini sikuri awtorizzati bejn Diċembru 2020 u Marzu 2021, il-Kummissjoni żgurat **introduzzjoni rapida tat-tilqim madwar l-Ewropa**.



## SETTEMBRU 2020

### 18.9

Il-Kummissjoni tressaq l-ewwel **pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu**.





### 30.9

Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel **Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt**, li jeżamina s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt madwar l-UE.

## OTTUBRU 2020

### 6.10

Jiġi adottat **pjan ekonomiku u ta' investiment** biex jixpruna l-irkupru tal-**Balkani tal-Punent** u jrawwem **l-integrazzjoni reġjonali**.






### 7.10

Il-Kummissjoni tadotta **l-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE għar-Rom**, pjan ta' 10 snin għall-appoġġ tar-Rom fl-UE.

### 13.10

Il-Kummissjoni Ewropea tniedi **l-portal online Access2Markets** biex tgħin lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju jagħmlu kummerċ lil hinn mill-fruntieri tal-UE.



# NOVEMBRU 2020

## 11.11

Titnieda **l-aġenda tal-konsumatur** il-ġdida biex tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tal-UE jkollhom rwol attiv fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.





## 11.11

Il-Kummissjoni tipproponi li tibni **Unjoni Ewropea tas-Saħħa** għal tħejjija u rispons aktar qawwija għall-kriżijiet għall-Ewropa.

## 12.11

Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel **strateġija tal-UE għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ**.





## 19.11

Tiġi ppreżentata **l-istrateġija dwar l-enerġija rinnovabbli offshore**.

## 25.11

L-UE tipproponi **aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE**.



# DIĊEMBRU 2020

## 3.12

Il-Kummissjoni tippreżenta **Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea** biex tawtonomizza liċ-ċittadini u tibni demokraziji aktar reżiljenti madwar l-UE.





## 8.12

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **ir-regolament InvestEU** biex jiġi attirat investiment privat b'appoġġ għall-prijoritajiet ta' politika tal-UE, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Mill-inqas **EUR 372 biljun** f'investiment addizzjonali huma mistennija li jiġu mobilizzati permezz ta' **InvestEU** sal-2027.




## 9.12

Il-Kummissjoni tippreżenta **aġenda kontra t-terroriżmu ġdida** għall-UE biex tintensifika l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u tagħti spinta lir-reżiljenza tal-UE għat-theddid terroristiku.




## 17.12

Il-qafas finanzjarju pluriennali, **il-baġit fit-tul tal-UE għall-2021–2027**, li jammonta għal **EUR 1.211 triljun** fi prezzijiet attwali, **jiġi adottat** mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.



## 24.12

Wara negozjati intensi, **jintlaħaq ftehim** dwar **il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit**, li jinkwadra r-relazzjoni l-ġdida bejn l-UE u r-Renju Unit



## 27.12

**Jitlaqqmu l-ewwel Ewropej** kontra l-COVID-19.

Matul ix-xhur ta' wara, **80 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE** ħadet mill-anqas l-ewwel kors tat-tilqim kontra l-COVID-19, u **aktar minn 65 %** irċevew l-ewwel booster.

# JANNAR 2021

## 18.1

Il-Kummissjoni tniedi l-fażi tad-disinn tal-**inizjattiva "Bauhaus Ewropea l-Ġdida"**, bil-għan li tgħaqqad id-disinn, is-sostenibbiltà u l-investiment biex tgħin fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew




# FRAR 2021

## 3.2

Ippreżentat **il-pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer** b'approċċ ġdid tal-UE għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura tal-kanċer.





## 9.2

L-UE tipproponi **Aġenda ġdida** ambizzjuża u innovattiva **għall-Mediterran**. **Pjan Ekonomiku u ta' Investiment iddedikat** se jixpruna l-irkupru soċjoekonomiku fit-tul fil-Viċinat tan-Nofsinhar u jsaħħaħ is-sħubija strateġika.

## 18.2

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **politika kummerċjali tal-UE** miftuħa, sostenibbli u assertiva għas-snin li ġejjin.


© Adobe Stock

## MARZU 2021

### 3.3

Il-Kummissjoni tippreżenta **l-istrateġija tagħha 2021–2030 dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà**, biex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà.





### 4.3

**Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** jistabbilixxi miri Ewropej ċari għall-impjiegi, it-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030.

### 9.3

Permezz tad-**Deċennju Diġitali Ewropew**, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-perkors lejn Ewropa b'awtonomizzazzjoni diġitali sal-2030





### 24.3

L-adozzjoni tal-**istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal**, u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

## APRIL 2021

### 14.4

Tiġi ppreżentata **l-istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**, flimkien ma' **strateġija ġdida dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.**





## 29.4

Il-koleġiżlaturi jadottaw **ir-regolament dwar il-kontenut terroristiku online**. Ilu japplika mis-7 ta' Ġunju 2022.

# MEJJU 2021



## 17.5

Il-Kummissjoni tipproponi approċċ ġdid għal **ekonomija blu sostenibbli** fl-UE għall-industriji u s-setturi relatati mal-**oċeani, l-ibħra u l-kosti**.

# ĠUNJU 2021



## 2.6

Il-Kummissjoni tippreżenta **strateġija ġdida għat-tisħiħ taż-żona Schengen u biex din issir aktar reżiljenti**.



## 15.6

**Il-President von der Leyen** u **l-President tal-Istati Uniti Joe Biden** iniedu **l-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti** biex juri d-direzzjoni lejn trasformazzjoni diġitali globali bbażata fuq il-valuri.

## 21.6

L-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet tal-UE u s-soċjetà ċivili jimpenjaw ruħhom għall-ewwel darba li jaħdmu flimkien biex jiġġieldu l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-UE bit-tnedija tal-**Pjattaforma Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar.**





© Adobe Stock

## 30.6

Il-Kummissjoni tirrevedi **r-regoli tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-kreditu għall-konsumatur**, filwaqt li ssaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza għall-konsumaturi tal-UE.

# LULJU 2021

## 1.7

**Iċ-ċertifikat Diġitali COVID tal-UE**, propost mill-Kummissjoni f'Marzu 2021 biex jiffaċilita l-ivvjaġġar u jgħin lill-Ewropej jerġgħu jiksbu l-libertà f'sikurezza, jiġi adottat fi żmien rekord.





## 14.7

Il-Kummissjoni tadotta l-pakkett **"Lesti għall-Mira ta' 55 %"**, bi proposti sabiex il-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jsiru b'tali mod biex **sal-2030 l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 %**, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

## SETTEMBRU 2021

### 16.9



Il-Kummissjoni tniedi **l-Awtorità Ewropea għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa** (European Health Emergency Preparedness and Response Authority, HERA) biex tipprevjeni, tidentifika u tirrispondi malajr għall-emerġenzi tas-saħħa.

## OTTUBRU 2021

### 5.10



Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel **strateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija** (2021–2030)

### 12.10




Wara proposta f'Lulju 2021, il-Kummissjoni toħroġ **l-ewwel bond ekoloġiku** biex tiffinanzja l-irkupru sostenibbli.

### 27.10



L-adozzjoni ta' **rieżami tar-regoli bankarji tal-UE** biex jiġi żgurat li l-banek fl-UE jsiru aktar reżiljenti għal xokkijiet ekonomiċi futuri filwaqt li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn in-newtralità klimatika.

# NOVEMBRU 2021

## 2.11

Il-Kummissjoni tħabbar **wegħda ta' EUR 1 biljun biex tipproteġi l-foresti tad-dinja fil-COP26**. L-UE iżżomm rwol kruċjali fil-laqgħat **COP27** (2022) u **COP28** (2023) li ġew wara, billi wasslet biex jintlaħaq ftehim dwar il-finanzjament ta' telf u ħsara kkawżati mit-tibdil fil-klima, u żżid b'mod sostanzjali l-ambizzjoni klimatika globali biex l-objettiv ta' 1.5 °C tal-Ftehim ta' Pariġi jkun jista' jintlaħaq.





## 25.11

Il-Kummissjoni tintroduċi **inizjattivi ġodda biex tagħti spinta lis-swieq kapitali**, tgħaqqad aħjar lill-kumpaniji u lill-investituri, u tagħmilha aktar faċli biex il-fondi ta' investiment jinbiegħu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali.

# DIĊEMBRU 2021

## 1.12

L-UE tniedi **l-Global Gateway**, strateġija li għandha l-għan li timmobilizza **sa EUR 300 biljun f'investimenti, għad-dinja** li joffru proġetti ta' investiment ta' kwalità għolja li jirrispettaw standards ambjentali u soċjali għoljin, ġestjoni finanzjarja tajba, u sostenibbiltà, filwaqt li tqis kemm l-interessi tas-sħab tagħna kif ukoll dawk tal-UE.




## 8.12

Il-Kummissjoni tipproponi **regoli ġodda biex issaħħaħ l-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni tal-pulizija** (ir-Regolament Prüm II), li dwarhom il-koleġiżlaturi laħqu ftehim f'Novembru 2023.







## 8.12

Il-Kummissjoni tipproponi **għodda ġdida kontra l-użu tal-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi mhux tal-UE.**




## 9.12

Il-Kummissjoni tipproponi li **ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali** u tipproponi **pjan ta' azzjoni** biex tgħin **l-ekonomija soċjali tal-Ewropa** tirnexxi.




## 9.12

Il-Kummissjoni tipproponi li testendi **l-lista tar-"reati tal-UE"** biex ikunu jinkludu **d-diskors ta' mibegħda** u **r-reati ta' mibegħda**.




## 14.12

Il-Kummissjoni tipproponi li **timmodernizza s-sistema tat-trasport tal-UE** b'mod li aktar passiġġieri u merkanzija jibdew jiġu ttrasportati bil-ferroviji, bl-introduzzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, u billi tingħata aktar attenzjoni fuq trasport urban sostenibbli.



## 15.12

Il-Kummissjoni tipproponi **qafas ġdid tal-UE biex tiddekarbonizza s-swieq tal-gass, tippromwovi l-idroġenu u tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan**.



## 21.12

Tiġi proposta **politika ġdida** biex tappoġġa d-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' dawk li kienu ġellieda, bħala parti mill-**kontribut usa' tal-UE għat-tiswir tal-paċi**.

# JANNAR 2022

## 1.1

**Jiġi ċċelebrat l-20 anniversarju tal-euro** fil-bwiet taċ-ċittadini. Bħalissa, aktar minn **347 miljun persuna jużaw l-euro f'20 Stat Membru**.






## 1.1

**Tibda s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ**, bit-tnedija ta' sensiela ta' inizjattivi li jinkludu l-għoti ta' vuċi aktar b'saħħitha liż-żgħażagħ fit-tfassil tal-politika tal-UE.

# FRAR 2022

## 1.2

Il-Kummissjoni tressaq proposta għal **programm ġdid ta' assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza** għall-Ukrajna ta' valur ta' masssimu ta' **EUR 1.2 biljun**.





## 17-18.2

Fis-**Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana**, il-mexxejja jaqblu dwar viżjoni konġunta għal **sħubija mġedda** appoġġata mill-**Pakkett ta' Investiment Afrika-Ewropa**, b'investimenti b'valur ta' **EUR 150 biljun**.

## 23.2

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **xogħol deċenti madwar id-dinja** tafferma mill-ġdid **l-impenn tal-UE għal xogħol deċenti** kemm lokalment kif ukoll madwar id-dinja, bl-**eliminazzjoni tax-xogħol tat-tfal u tax-xogħol furzat** ikunu fil-qalba tagħha.





## 24.2

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, **l-UE imponiet 13-il pakkett ta' sanzjonijiet qawwija**. L-UE u Tim Ewropa pprovdew aktar minn **EUR 88 biljun** f'appoġġ ġenerali finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-Ukreni

# MARZU 2022

## 2.3

Il-Kummissjoni tipproponi li **tattiva d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja** biex toffri protezzjoni u appoġġ lil 4 miljun ruħ li qed jaħarbu l-gwerra tal-Ukrajna. **Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà "Ukrajna"** stabbilita mill-Kummissjoni immedjatament wara l-attivazzjoni tad-Direttiva kellha rwol kruċjali fl-iżgurar ta' rispons koordinat.




## 8.3

Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u l-użu tar-riżorsi tal-enerġija tagħha bħala arma, **il-Kummissjoni tippreżenta malajr il-Pjan REPowerEU** għal azzjoni Ewropea konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli.




## 8.3

Il-Kummissjoni tipproponi **regoli għal madwar l-UE kollha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika**.



## 8.3

Il-Kummissjoni tipproponi **Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (Cohesion's Action for Refugees in Europe, CARE)** biex tappoġġa lill-Istati Membri **fl-għoti ta' assistenza ta' emerġenza** lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.



## 11.3

It-Task Force tal-Kummissjoni **"Iffriżar u Sekwestru"** tintensifika l-azzjoni tagħha fil-livell internazzjonali.



## 21.3

L-UE tilħaq qbil dwar **Boxxla Strateġika għal sigurtà u difiża tal-UE aktar qawwija** fl-10 snin li ġejjin.



## 23.3

Il-Kummissjoni tfisser **l-għażliet biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija** permezz tax-**xiri komuni tal-gass** u b'**obbligi ta' ħżin minimu ta' gass**. Tipproponi wkoll miżuri biex **tissaħħaħ is-sigurtà globali tal-ikel**, u biex **jiġu appoġġati l-bdiewa u l-konsumaturi** fl-UE fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet.



## 25.3

Il-Kummissjoni tadotta **deċiżjoni ġdida ta' adegwatezza għal flussi sikuri u fdati ta' *data* UE-Stati Uniti**.



## 31.3

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Pjan ta' 10 Punti dwar l-Ukrajna biex tiżgura **koordinazzjoni Ewropea aktar qawwija** fejn tidħol l-akkoljenza tan-nies li qed jaħarbu mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.



## APRIL 2022

### 5.4

**L-Ekoloġizzazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea:** il-Kummissjoni hija determinata li tmexxi bl-eżempju u tistabbilixxi pjan ambizzjuż biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2030 fi ħdan is-servizzi tagħha.





### 25.4

**Il-President von der Leyen u l-Prim Ministru Narendra Modi** iniedu **l-Kunsill tal-Kummerċ u tat-Teknoloġija UE-Indja**. L-UE laħqet aktar ftehimiet dwar sħubijiet diġitali ġodda ma' diversi sħab internazzjonali inklużi **l-Kanada**, **il-Ġappun**, **ir-Repubblika tal-Korea** u **Singapore**.

### 27.4

Il-Kummissjoni tipproponi **politika ta' migrazzjoni legali**, li tinkludi inizjattivi li se jkunu ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-UE, isaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u li għat-tul itejbu l-ġestjoni ġenerali tal-migrazzjoni.



## MEJJU 2022

### 3.5

Il-Kummissjoni tipproponi **l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa** biex tagħti s-setgħa lin-nies jikkontrollaw u jużaw id-*data* tagħhom dwar is-saħħa fi kwalunkwe Stat Membru, filwaqt li trawwem suq uniku ġenwin għas-servizzi u l-prodotti tas-saħħa diġitali.





### 9.5

**Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tikkonkludi l-ħidma tagħha**. Il-vjaġġ tagħha ta' sena, b'dibattitu u kollaborazzjoni bejn iċ-ċittadini, jilħaq il-qofol tiegħu bil-preżentazzjoni ta' 49 proposta u aktar minn 320 miżura li għandhom jiġi segwiti mill-istituzzjonijiet tal-UE.

## 12.5

Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi **Korsiji ta' Solidarjetà**, kurituri essenzjali li jiżguraw li l-Ukrajna tkun tista' tesporta l-qamħ u prodotti oħra u timporta l-oġġetti li teħtieġ.



## 13.5

Isir qbil politiku dwar **regoli ġodda dwar iċ-ċibersigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni**, li jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu protetti u jkun jista' jkollhom fiduċja fis-servizzi essenzjali. Dawn il-miżuri daħlu fis-seħħ f'Jannar 2023.



## 18.5

Il-Kummissjoni tippreżenta **l-pjan dettaljat tar-REPowerEU** biex **titnaqqas malajr id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi** u titħaffef **it-tranżizzjoni nadifa**, b'miri msaħħa dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Hija tippreżenta wkoll pjani biex tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji tal-Ukrajna u r-rikostruzzjoni fit-tul.



# ĠUNJU 2022

## 7.6

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex **jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji**.



## 23.6

Abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Mexxejja tal-UE jagħtu **status ta' kandidat** lill-**Moldova** u lill-**Ukrajna**.




# LULJU 2022

## 19.7

L-Unjoni Ewropea tibda **n-negozjati tal-adeżjoni** mal-**Albanija** u mal-**Maċedonja ta' Fuq**.





## 20.7

Il-Kummissjoni tippreżenta l-proposta **"Niffrankaw il-gass għal xitwa sikura"** biex tħejji lill-UE għall-qtugħ fil-provvista Russa.

Sa Awwissu 2023, l-UE kienet laħqet **il-mira l-ġdida tagħha ta' 90 % għall-ħżin tal-gass.** L-UE issa qed toqrob lejn tmiem l-istaġun tat-tisħin fix-xitwa 2023–2024 b'riżervi qawwija għall-ħżin tal-gass u prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi minn qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

# SETTEMBRU 2022

## 14.9

Il-Kummissjoni tipproponi **intervent ta' emerġenza fis-swieq tal-enerġija tal-Ewropa** biex jiġu indirizzati ż-żidiet drammatiċi fil-prezzijiet, inkluż bl-impożizzjoni ta' limitu temporanju fuq il-profitti eċċezzjonali mill-kumpaniji tal-enerġija. Dan ġie approvat mill-Kunsill f'Ottubru 2022.






## 20.9

**Il-programm Erasmus+ jagħlaq 35 sena**. **Madwar 15-il miljun parteċipant** setgħu jitgħallmu, jaħdmu jew jitħarrġu barra minn pajjiżhom minn mindu nħoloq fl-1987.

# OTTUBRU 2022

## 4.10

Jitħabbar li sitt siti fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja u fil-Polonja ntgħażlu biex jospitaw **l-ewwel kompjuters kwantistiċi Ewrope**j.






## 4.10

Il-koleġiżlaturi jadottaw **id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati**, proposta mill-Kummissjoni f'Ottubru 2020, biex jippromwovu n-negozjar kollettiv u jtejbu l-protezzjoni tal-pagi minimi għall-ħaddiema fl-UE.

## 4.10

L-UE tadotta **l-ewwel Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ li qatt sar fl-isfera tal-azzjoni esterna tal-UE**, biex tingħaqad maż-żgħażagħ fil-bini ta' futur aktar reżiljenti, inklużiv u sostenibbli.






## 18.10

Il-Kummissjoni tressaq **proposti addizzjonali biex tiġġieled il-prezzijiet għoljin tal-enerġija** u tiżgura **s-sigurtà tal-provvista b'Mekkaniżmu ta' Korrezzjoni tas-Suq** biex titnaqqas il-volatilità fis-suq tal-enerġija u jiġu limitati l-prezzijiet f'ċerti ċirkostanzi.

## 28.10

**Permezz tal-ewwel ftehim "Lesti għall-mira ta' 55 %"** se jintemm il-bejgħ ta' karozzi ġodda b'emissjonijiet ta' $CO_2$ fl-UE sa mill-2035.



# NOVEMBRU 2022

## 1.11

Jidħol fis-seħħ **l-Att dwar is-Swieq Diġitali**, propost mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020. L-att jiżgura swieq diġitali ġusti, miftuħa u kontestabbli li fih in-negozji diġitali jkunu jistgħu jikbru.





## 3.11

Il-Kummissjoni tinvesti **EUR 3 biljun fi proġetti innovattivi ta' teknoloġija nadifa** biex jinkisbu l-għanijiet tar-**REPowerEU** u tiġi aċċellerata l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa mill-fjuwils fossili Russi

## 9.11

Il-Kummissjoni tipproponi **pakkett ta' appoġġ finanzjarju stabbli, regolari u prevedibbli mingħajr preċedent** għall-Ukrajna li jlaħħaq il-valur ta' **massimu ta' EUR 18 biljun** għall-2023 — b'medja ta' EUR 1.5 biljun fix-xahar. Ġie żborżat l-ammont sħiħ.



## 10.11

**Il-Patt għall-Ħiliet jespandi għal 1 000 membru** fit-tieni anniversarju tiegħu. Skont il-patt, tnedew 15-il sħubija fuq skala kbira f'firxa wiesgħa ta' setturi. Flimkien, dawn is-setturi wiegħdu **li jħarrġu mill-ġdid jew itejbu l-ħiliet ta' aktar minn 6 miljun ħaddiem fl-UE.**





## 11.11

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar il-proposta tal-Kummissjoni **biex jiżdied l-assorbiment tal-karbonju permezz tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura**, element tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".




## 16.11

**L-Att dwar is-Servizzi Diġitali** jidħol fis-seħħ, u jistabbilixxi sett ġdid ta' regoli tal-UE għal ambjent online aktar sikur u aktar responsabbli propost mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020.



## 21.11

Il-Kummissjoni tipproponi **pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Mediterran Ċentrali,** biex tappoġġa lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi migratorji b'miżuri operazzjonali immedjati. Segwew tliet pjanijiet ta' azzjoni oħra dwar ir-rotot migratorji ewlenin: il-Balkani tal-Punent, il-Mediterran tal-Punent u l-Atlantiku, u l-Mediterran tal-Lvant.



## 22.11

Il-Kummissjoni tipproponi **strument biex tillimita ż-żidiet eċċessivi fil-prezzijiet tal-gass** u tistabbilixxi gwida dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika biex tgħin fl-indirizzar tal-kriżi tal-enerġija.


© Adobe Stock

## 30.11

Il-Kummissjoni tipproponi **regoli ġodda għall-UE kollha biex tnaqqas l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.**


© Adobe Stock

## 30.11

Strateġija ġdida tal-**UE għas-Saħħa Globali** biex titjieb is-sigurtà tas-saħħa fid-dinja u biex kulħadd ikun jista' jgawdu livell ta' saħħa aħjar.

# DIĊEMBRU 2022

## 3.12

**Il-G7 jilħqu qbil dwar prezz massimu taż-żejt Russu**, biex jitnaqqas id-dħul tar-Russja filwaqt li jinżammu stabbli s-swieq tal-enerġija dinjija.




## 9.12



Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar **liġi ġdida dwar batteriji aktar sostenibbli u ċirkolari,** kif kienet ipproponiet il-Kummissjoni f'Diċembru 2020, biex tappoġġa t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-kompetizzjoni fl-industrija.

## 15.12



Il-Kunsill Ewropew jagħti **status ta' kandidat tal-UE lill-Bożnija-Ħerzegovina** abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni.

## 16.12



L-UE u l-Ukrajna jiffirmaw **pakkett ta' appoġġ ta' EUR 100 miljun** għar-**riabilitazzjoni ta' skejjel li ġarrbu ħsara fil-gwerra**.

## 18.12



Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar it-tisħiħ tal-**iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet** u l-ħolqien ta' **Fond Soċjali għall-Klima** biex jappoġġa lin-nies fit-tranżizzjoni lejn enerġija aktar nadifa, bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

## 19.12



Fil-**Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità** (COP15), **l-UE tingħaqad ma' 195 pajjiż fil-Ftehim Qafas ta' Kunming-Montreal dwar il-Bijodiversità Dinjija**, li jinkludi għanijiet u miri globali li għandhom l-għan li jipproteġu u jirrestawraw in-natura għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

# JANNAR 2023

## 1.1

**L-UE tiċċelebra t-30 anniversarju tas-suq uniku tagħha** — waħda mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea.





## 1.1

**Il-Kroazja tissieħeb fiż-Żona tal-Euro** u fiż-**żona Schengen**.

## 10.1

**L-UE u n-NATO jiffirmaw dikjarazzjoni konġunta** dwar il-kooperazzjoni biex jintensifikaw il-ħidma tagħhom fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu u ċibernetiku, iżidu l-kooperazzjoni dwar it-teknoloġiji fixkiela u l-ispazju, jindirizzaw l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tal-kriżi klimatika, u jsaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.



## 12.1

Jidħol fis-seħħ **ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin**, propost mill-Kummissjoni f'Mejju 2021, li jippermetti lill-UE tibqa' miftuħa għall-kummerċ u l-investiment filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha li joperaw fis-suq uniku.


© Adobe Stock

## 16.1

Tidħol fis-seħħ **id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi**, proposta mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020.


© Adobe Stock

## FRAR 2023

### 1.2

Il-Kummissjoni tippreżenta **Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku** biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Ewropa u tappoġġa t-tranżizzjoni mħaffa lejn in-newtralità klimatika.





### 1.2

Il-President von der Leyen u 15-il Kummissarju jivvjaġġaw lejn l-Ukrajna **għall-ewwel laqgħa li qatt saret bejn il-Kulleġġi u gvern**.

### 13.2

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **r-regoli dwar l-idroġenu rinnovabbli**.






### 27.2

Il-President von der Leyen u l-Prim Ministru Brittaniku Rishi Sunak iħabbru **l-Qafas ta' Windsor**, sett ta' soluzzjonijiet konġunti biex jiġu indirizzati l-isfidi prattiċi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini u n-negozji fl-Irlanda ta' Fuq.

## MARZU 2023

### 9.3

Il-Kummissjoni tadotta **Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat**, biex tkompli tappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti



## 10.3

L-UE tippreżenta **l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża** u **l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE** għal UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti fl-oqsma kollha tas-sigurtà.






## 14.3

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **l-ewwel strateġija Ewropea għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri** u tadotta Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni.

## 29.3

Il-Kummissjoni tipproponi **aktar trasparenza u inqas burokrazija għall-kumpaniji** għat-titjib tal-ambjent tan-negozju fl-UE.



# APRIL 2023

## 18.4

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar **l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep**, propost mill-Kummissjoni fi Frar 2022 biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE. Daħal fis-seħħ fl-21 ta' Settembru 2023.





## 18.4

Il-Kummissjoni tirreġistra **l-100 Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**, li tagħti liċ-ċittadini l-opportunità li jżidu suġġetti mal-aġenda fil-livell tal-UE.

## 25.4

Il-Kummissjoni tniedi **l-ewwel sejħa għall-kumpaniji biex jixtru l-gass b'mod konġunt** permezz tal-**Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE**, biex jiġu indirizzati s-sigurtà tal-enerġija u l-prezzijiet għoljin.





© Adobe Stock

## 25.4

Il-Kummissjoni tidentifika **l-ewwel grupp ta' pjattaformi online u magni tat-tiftix kbar ħafna** skont **l-Att dwar is-Servizzi Diġitali**.

## MEJJU 2023

## 3.5

Il-Kummissjoni tipproponi **regoli aktar qawwija għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni** fl-UE u madwar id-dinja.





© GettyImages

## 3.5

Il-Kummissjoni tadotta proposta għal **Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon**, pjan ta' EUR 500 miljun biex **tingħata spinta urġenti lill-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża tal-UE** biex tgħin lill-Ukrajna. Il-koleġiżlaturi adottawha f'Lulju 2023.

## 9.5

I**s-Sena Ewropea tal-Ħiliet** tibda b'festival tal-ħiliet.






## 17.5

Il-Kummissjoni tressaq proposti għall-**aktar riforma ambizzjuża** tal-**unjoni doganali tal-UE** mit-twaqqif tagħha.

# ĠUNJU 2023

## 6.6

Jidħlu fis-seħħ regoli ġodda għal aktar trasparenza u l-infurzar effettiv tal-prinċipju ta' **paga ugwali għan-nisa u l-irġiel**, proposti mill-Kummissjoni f'Marzu 2021.





## 7.6

B'segwitu għall-proposti mill-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**, il-Kummissjoni tipproponi **approċċ komprensiv għas-saħħa mentali**.

## 13.6

Il-Kummissjoni tirrakkomanda **miżuri konkreti biex tappoġġja l-ekonomija soċjali** u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħha għall-impjiegi, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali.



## 19.6

**L-UE** u **l-Kenja** jikkonkludu negozjati għal **Ftehim ta' Sħubija Ekonomika** ambizzjuż b'dispożizzjonijiet sodi dwar is-sostenibbiltà.






## 20.6

L-UE tipprezenta **Strateġija Ewropea għas-Sigurtà Ekonomika** biex timminimizza r-riskji li jirriżultaw mid-dipendenzi ekonomiċi, filwaqt li jinżammu l-livelli massimi ta' ftuħ u ta' dinamiżmu ekonomiku tal-UE.

## 28.6

L-UE tipproponi **prospettiva komprensiva ġdida dwar theddid tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża**.






## 29.6

Liġi ġdida, proposta mill-Kummissjoni f'Novembru 2021, tidħol fis-seħħ biex **tiġġieled id-deforestazzjoni dinjija** u **d-degradazzjoni tal-foresti** xprunati mill-produzzjoni u l-konsum fl-UE.

# LULJU 2023

## 9.7



**L-UE** u **New Zealand** jiffirmaw **ftehim ambizzjuż ta' kummerċ ħieles**.



## 19.7

L-UE tippreżenta **l-ewwel reviżjoni volontarja tagħha tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

# SETTEMBRU 2023

## 12.9

Il-Kummissjoni tipproponi l-qafas **BEFIT — Business in Europe: Framework for Income Taxation (In-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni fuq l-Introjtu)** biex tiġi ffaċilitata t-tassazzjoni kemm għan-negozji kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa billi jiġi introdott sett uniku ta' regoli biex tiġi ddeterminata l-bażi għat-taxxa ta' gruppi ta' kumpaniji.







## 15.9

Il-Kummissjoni formalment **tagħlaq il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika** (MKV) għall-**Bulgarija** u **r-Rumanija**.

# OTTUBRU 2023

## 1.10

**Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri**, l-għodda tal-UE għall-ġlieda kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jibda fil-fażi tranżizzjonali tiegħu.






## 1.10

Tidħol fis-seħħ **il-Konvenzjoni ta' Istanbul** dwar **il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika** fir-rigward tal-Unjoni Ewropea.



## 16.10

Il-Kummissjoni tipproponi **miżuri biex tipprevjeni t-tniġġis tal-mikroplastik** li jiġi mir-rilaxx mhux intenzjonat ta' pellets tal-plastik.



## 18.10

L-UE tniedi **Pont Umanitarju bl-Ajru f'Gaża**. B'aktar minn 40 titjira, il-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew s'issa wasslet aktar minn 700 tunnellata ta' oġġetti ta' sokkors umanitarju, inklużi provvisti mediċi, postijiet ta' kenn, nutrizzjoni, materjal loġistiku u xarabanks.




## 18.10

Il-Kummissjoni stabbiliet **pjan direzzjonali tal-UE** ġdid ta' miżuri ta' prijorità għall-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata** u **t-traffikar tad-droga**.



## 24.10

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Enerġija mir-Riħ** biex tappoġġa l-industrija Ewropea tal-enerġija mir-riħ u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

# NOVEMBRU 2023

## 7.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **ir-regoli ta' trasparenza għar-reklamar politiku**, parti mill-proposti tal-Kummissjoni minn Novembru 2021 biex tiġi protetta l-integrità elettorali u jiġi appoġġat dibattitu demokratiku miftuħ.






## 8.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali** li ġew proposti mill-Kummissjoni f'Ġunju 2021. Dan se jqarreb lill-UE lejn il-mira tad-Deċennju Diġitali għall-2030 li fis-27 Stat Membru kollha jkollhom eIDs.

## 8.11.

Il-Kummissjoni tadotta **pjan ta' tkabbir ġdid għall-Balkani tal-Punent** biex tqarreb ir-reġjun lejn l-UE billi toffri aċċess għal oqsma ewlenin tas-Suq Uniku qabel l-adeżjoni






## 9.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **liġi storika għall-protezzjoni u r-restawr tan-natura**, proposta mill-Kummissjoni f'Ġunju 2022.

## 13.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **l-Att dwar il-Materja Prima Kritika**, 8 xhur biss wara l-proposta tal-Kummissjoni.






## 14.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **il-liġi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan** fis-settur tal-enerġija, propost mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021.

## 15.11

Jiġi ffirmat **il-Ftehim ta' Samoa,** ftehim ta' sħubija ġdid bejn **l-UE** u **79 pajjiż mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku**. Dan jistabbilixxi l-qafas għall-kooperazzjoni politika, ekonomika u settorjali għall-20 sena li ġejjin.






## 15.11

Il-Kummissjoni tipproponi **l-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti**, iffukat fuq l-għajnuna lin-nies biex jiksbu l-ħiliet it-tajba għal impjiegi ta' kwalità u l-appoġġ lill-kumpaniji fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet fl-Ewropa.

## 23.11

Il-Kummissjoni tniedi **l-ewwel irkant taħt il-Bank Ewropew tal-Idroġenu** biex tappoġġa l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fl-Ewropa, bi dħul inizjali ta' **EUR 800 miljun** fi skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.







## 27.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **ir-regoli komuni għas-swieq interni** tal-gassijiet rinnovabbli u naturali, u tal-idroġenu, propost mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021.

## 28.11

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar **il-liġijiet il-ġodda dwar l-emissjonijiet industrijali**, proposti mill-Kummissjoni f'April 2022.






## 28.11

Il-Kummissjoni tniedi sejħa għal azzjoni għal **Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti** u tipproponi **qafas legali tal-UE** aġġornat u msaħħaħ biex jiġi evitat li n-nies jisfaw vittmi ta' kuntrabandisti.

## 28.11

**L-UE** u **l-Ġappun** jikkonkludu ftehim storiku dwar il-flussi transfruntiera tad-*data*.





## 29.11

Il-Kummissjoni tadotta sensiela ta' proposti mfassla biex **itejbu l-esperjenza tal-passiġġieri u tal-vjaġġaturi** bit-tisħiħ ta' drittijiethom.

## 30.11

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar regoli ġodda, proposti mill-Kummissjoni f'April 2022, **biex jipproteġu lil dawk fil-mira ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika** (strategic lawsuits against public participation, SLAPP), bħall-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.







## 30.11

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar **Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika**, proposti mill-Kummissjoni f'Settembru 2022. L-Att jistabbilixxi rekwiżiti ta' hardware u software għall-prodotti diġitali fl-UE.

# DIĊEMBRU 2023

## 4.12

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar **rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli**, kif propost mill-Kummissjoni f'Marzu 2022.



## 6.12

Il-Kummissjoni tadotta **l-Komunikazzjoni "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibgħeda"**, sejħa lill-Ewropej kollha għal azzjoni biex jikkonfrontaw il-mibegħda u jsemmgħu leħinhom favur it-tolleranza u r-rispett.




## 7.12

Il-Kummissjoni tadotta inizjattivi dwar **it-trattament xieraq tal-annimali** li jistabbilixxu regoli aħjar għat-trasport tal-annimali, u għat-trattament xieraq imtejjeb ta' klieb u qtates fl-irziezet tat-tnissil u fil-ħwienet tal-annimali domestiċi.



## 7.12

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **regoli ġodda għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija**, propost mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021.






## 9.12

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali**, l-ewwel regolament komprensiv tal-IA, propost mill-Kummissjoni f'April 2021.

## 12.12

Il-Kummissjoni tadotta **l-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija** biex tindirizza t-theddida ta' influwenza barranija moħbija fil-ħajja demokratika tagħna u tgħin biex tinbena r-reżiljenza demokratika.




## 13.12

**Fil-COP28**, in-negozjaturi tal-UE jirnexxielhom iġibu **impenn globali storiku** li sal-2030 l-enerġija rinnovabbli tittriplika, u li jirdoppjaw il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, u għat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, fl-ewwel Rendikont Globali tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.



## 13.12

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **il-liġi biex tittejjeb il-bixra tas-suq tal-elettriku tal-UE**, propost mill-Kummissjoni f'Marzu 2023 biex **tingħata spinta lis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiġu protetti aħjar il-konsumaturi u tissaħħaħ il-kompetittività industrijali**.




## 13.12

**L-UE** u **ċ-Ċilì** llum iffirmaw **Ftehim Qafas Avvanzat** u Ftehim Kummerċjali Interim biex isaħħu l-kooperazzjoni politika u jrawmu l-kummerċ u l-investiment.




## 14.12

Abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Mexxejja tal-UE jiddeċiedu li jiftħu **n-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova u l-Ukrajna**, u mal-**Bożnija-Ħerzegovina** ladarba tikseb il-livell meħtieġ ta' konformità, u li **tagħti lill-Georgia l-istatus ta' kandidat tal-UE.**



## 15.12

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar **Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media,** propost mill-Kummissjoni f'Settembru 2022 għall-protezzjoni tal-pluraliżmu u l-indipendenza ta-media fl-UE.





## 18.12

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **l-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi Euro 7**, proposti mill-Kummissjoni f'Novembru 2022, u dwar **regoli ġodda għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport** (TEN-T), proposti mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021.

## 20.12

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim storiku dwar **ħames fajls ewlenin tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil,** pass ewlieni lejn sistema komuni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-UE. Il-Kummissjoni kienet ipproponiet il-Patt f'Settembru 2020.







## 30.12

L-Istati Membri jaqblu li **l-Bulgarija** u **r-Rumanija jingħaqdu maż-żona Schengen**, billi jibdew bit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri tal-ajru u tal-baħar.

# JANNAR 2024

## 1.1

Id-dħul fis-seħħ **tar-regoli tal-UE li jintroduċu rata minima ta’ tassazzjoni ta’ 15 % għall-kumpaniji multinazzjonali** fl-UE. Ir-regoli jimplimentaw il-Pilastru 2 tal-ftehim globali dwar ir-riforma internazzjonali tat-taxxa u jsegwu l-proposta tal-Kummissjoni ta’ Diċembru 2021.





## 11.1

Jidħol fis-seħħ **l-Att dwar id-*Data***, propost mill-Kummissjoni fi Frar 2022 biex jinkoraġġixxi l-użu, il-kondiviżjoni, il-ħżin u l-ipproċessar tad-*data* b’rispett sħiħ tar-regoli Ewropej.

## 18.1

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar il-proposta tal-Kummissjoni minn Frar 2023 biex **jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trakkijiet, ix-xarabanks u t-trejlers** b’90 % sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u b’100 % sal-2035 fil-każ tax-xarabanks tal-bliet





© Adobe Stock

## 18.1

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **l-ewwel regolament kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu (AML/CFT)** u s-sitt direttiva AML/CFT, b’mod li tinħoloq ġabra waħda ta’ regoli għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Awtorità l-ġdida tal-UE kontra l-ħasil tal-flus.

## 24.1

Il-Kummissjoni tniedi **il-pakkett ta’ innovazzjoni tal-IA** bħala sostenn għan-negozji ġodda u l-SMEs fis-settur tal-intelliġenza artifiċjali Dan se jikkontribwixxi għall-mira tad-Deċennju Diġitali li 75 % tal-intrapriżi jużaw l-IA sal-2030.



## 24.1

Il-Kummissjoni tadotta ħames inizjattivi biex **issaħħaħ is-sigurtà ekonomika tal-UE** fi żmien ta' tensjonijiet ġeopolitiċi dejjem akbar u bidliet teknoloġiċi profondi, filwaqt li tiddefendi l-ftuħ tal-kummerċ, l-investiment u r-riċerka għall-ekonomija tal-UE.





## 25.1

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen tniedi **d-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE,** forum ġdid li għandu l-mandat li jsawwar viżjoni kondiviża għall-futur tas-sistema tal-biedja u tal-ikel tal-UE.

## 31.1

**L-UE** u **s-sħab soċjali f'Val Duchesse** jimpenjaw ruħhom li **jsaħħu d-djalogu soċjali** biex jindirizzaw l-isfidi tax-xogħol, inkluż in-nuqqasijiet fejn jidħlu ħiliet u nuqqas ta' ħaddiema.




# FRAR 2024

## 1.2

Il-mexxejja tal-UE jaqblu mal-ewwel **reviżjoni** li qatt saret tal-limiti massimi tal-**Qafas Finanzjarju Pluriennali,** inkluża l-**"Faċilità għall-Ukrajna"** ta' **EUR 50 biljun**, proposta mill-Kummissjoni f'Ġunju 2023 biex tappoġġa r-rikostruzzjoni u l-irkupru tal-Ukrajna.






## 6.2

Il-Kummissjoni tipproponi li taġġorna **r-regoli li jsaħħu l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**. Dan jikkomplementa l-proposta tal-Kummissjoni dwar **leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online**, imressqa fl-2022.

## 6.2

Il-Kummissjoni tirrakkomanda **tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2040** meta mqabbla mal-livelli tal-1990, filwaqt li tniedi diskussjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha u tibda l-proċess biex din il-mira tiddaħħal fil-liġi tal-UE.






## 6.2

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim politiku proviżorju dwar il-proposta tal-Kummissjoni ta' Marzu 2023 għall-**Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**, li għandu l-għan li jagħti spinta lill-użu industrijali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE.

## 6.2

Jintlaħaq ftehim politiku dwar regoli ġodda għall-**Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen**.







## 6.2

Intlaħaq qbil politiku dwar **l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits**, propost mill-Kummissjoni fit-23 ta' Frar 2023. L-att jintroduċi sett ta' azzjonijiet li jissimplifikaw u jħaffu t-tnedija ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali sal-2030.

## 6.2

Il-koleġiżlaturi jilħqu qbil politiku proviżorju dwar il-proposta tal-Kummissjoni ta' Marzu 2023 **dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti għall-konsumaturi**, bl-introduzzjoni ta' "dritt għat-tiswija" ġdid għall-konsumaturi.






## 10.2

Jintlaħaq ftehim politiku dwar l-aktar **riforma ambizzjuża u komprensiva tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE** minn wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha għar-riforma f'April 2023.

## 20.2

Il-koleġiżlaturi jilħqu ftehim dwar **iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju biex jgħinu biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti**, propost mill-Kummissjoni f'Novembru 2022.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

PDF ISBN 978-92-68-13193-0 doi:10.2775/119218 NA-02-24-278-MT-N